MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 375/2008

A P B

vs

C G B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi il-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom fil-hmistax (15) ta' Awissu ta' l-elf disgha mija tnejn u disghin (1992) fil-Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zabbar, skont kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom illi kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'MC1';
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett (3) itfal u cioe L li twieldet fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993), J li twieldet fil-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995) u R li twieled fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (1998) skont ic-certifkati tat-twelid li qeghdin jigu hawn annessi u mmmarkati bhala Dok 'MC2', Dok 'MC3' u Dok 'MC4';
3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti skont il-Ligi, fosthom eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi u adulterju tal-konvenuta, kif ukoll inkompatibilita' serju ta' karattru;
4. Illi effettivament il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali sabiex tkun tista tkompli tintrattjeni r-relazzjoni adultera taghha liberament;
5. Illi l-fond matrimonjali u cjoe "Tal-Grazzja", numru erbgha u sebghin (74) fi Triq Zabrella f'Haz-Zabbar huwa proprjeta' tal-familjari ta' l-attur;
6. Illi minn meta l-partijiet isseparaw *de facto*, il-konvenuta tilfet kull interess fit-trobbija, l-edukazzjoni u s-sahha ta' wliedha;
7. Illi minkejja kull tentattiv sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju dwar is-separazzjoni personali taghhom, dan ma sehhx, u ghalhekk l-attur kien kostrett illi jfittex ir-rimedju gudizzjarju;
8. Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina il-Qorti li jgib n-Numru 1435/08 datat l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), illi kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'MC5';
9. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attur;

Talab fid-dawl tas-suespost li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Ligi u

senjatament minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi u adulterju tal-konvenuta, kif ukoll inkompatibilita' serja ta' karattru;

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat minn mal-konvenuta martu;
3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri L, J u R ahwa B lill-attur, bi dritt ta' access ghall-konvenuta kif jigi stabbilit minn dina il-Qorti;
4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas dik ir-retta alimentarja xierqa  u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi ta' l-konvenuta u l-bzonnijiet ta' l-attur, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur ghall-bzonnijiet tieghu u ta' uliedu minuri, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina  il-Qorti bl-ordnijiet relattivi ghaz-zieda annwali skont l-gholi tal-hajja u ghall-pagament dirett lill-attur minn kull min ikun f'xi zmien qieghed jimpjega lill-konvenuta, jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-konvenut jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta;
5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-dispozissjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili Kap 16;
6. Tillikwida u xxolji l-Kommunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
7. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta iddekadiet minn sehma fil-Komunjoni ta' l-Akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-istess konvenuta, u a favur l-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta tilfet il-jeddijiet imsemmija fl-Artikolu 631 u 633 tal-Kodici Civili Kap. 16, kif ukoll dak kollu illi kienet kisbet b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minghand l-attur, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilu, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attur wara data stabbilita' minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta irrendiet ruhha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attur, u tiddikjara ulterjorment illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt illi titlob manteniment minghand l-attur;
8. Tenut kont tal-hames, sitt u sebgha talba, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-Kommunjoni ta' l-Akkwisti f'ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet;
9. Tiddikjara illi l-fond "Tal-Grazzja", numru erbgha u sebghin (74) fi Triq Zabrella f'Haz-Zabbar m'ghandhux jibqa' jitqies bhala d-dar matrimonjali;
10. Tassenja lill-attur l-beni parafernali tieghu u tordna lill-konvenuta illi tirritorna dawk il-beni parafernali ta' l-attur illi jistghu

jkunu fil-pussess taghha jew fin-nuqqas thallas lill-istess attur il-valur ta' l-istess;

11. Tillikwida l-pretenzjonijiet parafernali ta' l-attur kontra l-kommunjoni ta' l-akkwisti u/jew kontra l-gid parafernali ta' l-attrici u tordna lill-konvenuta thallas is-somom hekk likwidati anke billi ghall-fini ta' dina t-talba l-krediti tal-konvenut hekk eventwalment likwidati jigu inkorporati fl-iskema tad-divizjoni tal-gid komunjoni tal-kontendenti;
12. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;
13. Tawtorizza lill-attur jirregistra s-Sentenza ta' dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha teccepixxi :

Illi qabel xejn il-konvenuta tiddikjara li hi qatt ma kienet notifikata bir-rikors guramentat minkejja li din il-kawza issa tinsab differita ghas-sentenza bil-qbil tal-partijiett kollha – ghalhekk qeghda presenzjalment taghti ruhha b' notifikata bl-atti kollha tal-kawza. U dan kollu minkejja li skont il-ligi rikors li ma jigix notifikat fi zmien sena ghandu jigi kancellat minn fuq il-lista.

Illi intant din il-kawza dejjem imxiet ma' dik fl-ismijiet inversi cioe mal-kawza C Grace B v A B Rik Gur 361/08AL.

Illi iz-zewg kawzi fl-ismijiet inversi gew differiti ghas-sentenza u ir-ragel gia issottometta in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu – C Grace B qed

tipprezenta in-nota taghha kontestwalment ma’ din ir-risposta guramentata (din qed tigi prezentata fil-kawza 361/08AL) u taghmel referenza ampja ghal dak sottomess – anke ghaliex mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sal-lum kien hemm hafna zviluppi dettati mit-trapass taz-zmien.

Illi intant ma dak indikat fin-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata fil-kawza l-ohra (361/08AL) kontestwalment ma’ din ir-risposta, l-esponenti teccepixxi :

1. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet attribwibbli lill-attur. L-attur sar hati ta’ adulterju, minacci, sevizzi, mohqrija u swat fil-konfront ta’ martu. Il-konvenuta sabet e-mails oxxeni tal-attur. Ir-ragel ammetta li kellu mara ohra;
2. Illi iz-zwieg tkisser minhabba fl-attur kif hemm indikat fir-rikors guramentat maghmul mill-eccipjenti fil-kawza fl-ismijiet inversi.
3. Illi it-tifla l-kbira L issa saret tal-eta – ghandha 21 sena pero’ ghadha dipendenti parzjalment fuq ommha – hi qed tghix mal-konvenuta intant it-tfal l-ohra J (ta’ 19 il-sena) u R (ta’ 16 il-sena) qed jghixu ma’ missierhom li jahdem u ghandu hafna aktar qligh mill-mara. Dan sar b’ digriet u baqa’ hekk sal-lum. Id-digriet zgur li ha qies tal-fatt li il-mara kellha qligh ezigwu meta komparat ma’ dak ta’ zewgha.
4. Illi ikun fl-aqwa interess tal-minuri li dawn jibqghu kif inhuma bhalissa – dan pero’ japplika ghal R biss li hu l-uniku wild li ghadu taht l-eta’. Hemm digriet dwar dan.
5. Illi ir-ragel kellu paga tajba mill-Malta Drydocks pero’ ghazel li jieqaf billi jiehu skema ta’ irtirar kmieni. Hu sab xoghol iehor bis-sengha li ghandu. Mill-banda l-ohra il-mara kellha tohrog tahdem part-time b’ paga mizera sabiex tghijjex lit-tfal peress li ir-ragel ma kienx qed jaghtiha flus. Dan ix-xoghol pero’ il-mara ma tistax izzommu ghat-tul minhabba il-kondizzjoni fizika taghha. Il-partijiet qatt ma kienu ordnati ihallsu manteniment ghal xulxin jew ghat-tfal peress li it-tnejn jahdmu u it-tnejn hadu hsieb il-bzonnijiet tat-tfal li kienu affidati lilhom.
6. Illi tul iz-zwieg il-partijiet flimkien ghamlu hafna miljoramenti fid-dar matrimonjali li hi propjeta’ ta’ missier l-attur. Il-konvenuta ghandha tigi risarcita mill-attur ghal sehemha minn dawn il-miljoramenti – filwaqt li kull kerditu li l-komunjoni jista jkollha kontra missier l-attur

ghandu allura jiehdu l-attur. Dwar dawn il-miljoramenti u is-somma dovuta lill-konvenuta l-esponent taghmel riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghha maghmula fil-kawza fl-ismijiet inversi.

7. Ir-ragel ha Lm48,000.00 (Eur 111,809.92) mill-iskema ta' irtirar kmieni mahruga ghal haddiema tad-Dockyard – minn dan l-ammont il-konvenuta jispettalha tiehu Eur 55,904.96 u dan peress li din is-somma ukoll taghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Apparti dan il-mara ghandha tiehu dak li inhareg minnha parafernalment u dak li inhareg waqt iz-zwieg, biex isiru il-miljoramenti fid-dar matrimonjali – dan kollu hu indikat b' mod dettaljat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta prezentata kontestwalment fil-kawza fl-ismijiet inversi li tinsab miexja ma' din il-kawza.
8. Illi l-konvenuta tirreferi ampjament ghan—nota ta' sottomissjonijiet finali prezentata kontestwalment ma' din ir-risposta fl-atti tal-kawza bl-ismijiet inversi (Rik Gur 361/08 AL) liema kawza tinsab miexja ma' din u tinsab differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2014 – il-fatti u xhieda prodotti f' kawza wahda ovvjament jghoddu ghall-kawza l-ohra.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali flimkien ma' talba ghall-kura u l-kustodja tal-minuri u talba ghall-manteniment kemm ghall-intimata personalment kif ukoll ghall-istess minuri fost talbiet

ohrajn. L-intimata tidher li qatt ma giet formalment notifikata bil-kawza odjerna izda kif tiddikjara l-istess intimata, hemm qbil bejn il-partijiet li tinghata s-sentenza abbazi tal-fatt li l-istess kawza dejjem imxiet mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 361/08AL.

Il-Qorti tirrileva wkoll li permezz ta' verbal datat is-27 ta' Jannar 2010, il-partijiet iddikjaraw li l-verbali u x-xiehda kollha fil-kawza odjerna kif ukoll dik li ggib ir-referenza numru 361/08 AL (gia AF) ikunu applikabbli u inseriti fiz-zewg processi. Dan jerga' jigi konfermat permezz tal-verbal tas-16 ta' April 2013[1].

## VERZJONI TAR-RIKORRENT

Permezz tal-affidavit tieghu[2], l-intimat jghid li martu qatt ma kienet tiehu gost tohrog. Kienet tohloq kull skuza biex thassar xi harga. Jispjega li ghandhom gosti differenti u li qatt ma sab appogg minnha. Lanqas ghal dak li jirrigwarda d-dar u l-indafa taghha ma kienet tinqala' l-intimata izda jzid jghid li l-aktar problema li kellhom bejniethom kienet dik tal-intimita ghaliex il-intimata kienet toqghod lura hafna b'dan li kienet tippreferi tara t-*television*.  Ir-rikorrent kien ihossu mwarrab. Hekk kif twieled it-tielet wild, l-intimita' ta' bejniethom spiccat ghal kollox u bdew problemi kbar b'dan li l-komunikazzjoni ta' bejniethom waqfet ghal kollox. Isemmi wkoll li martu kienet tqatta' hafna hin fuq il-*computer* taghmel *chatting* ma' hafna rgiel b'dan li mhux l-ewwel darba li l-istess irgiel spiccaw biex cemplu d-dar. Jghid li qieghed jesebixxi l-messaggi izda fil-verita', Dok. MGC1[3] m'huwa xejn hlief kitba ta' xi hadd, allegatament konversazzjoni li ghaddiet bejn l-attrici u xi habib taghha. Wiehed mill-irgiel li l-intimata kienet taghmel kuntatt maghhom kien Frank Borg u ssusspetta li bejniethom kien hemm xi relazzjoni ghaddejja. Ikkonferma dan f'Jannar

---

[1] Ara a fol 398 tal-process fl-ismijiet inversi

[2] Ara a fol 59 tal-process fl-ismijiet inversi u a fol 36 tal-process odjern

[3] Esebit a fol 66 tal-process fl-ismijiet inversi

2008 minghand mart l-istess imsemmi Frank Borg li sahansitra qaltlu li kienu ftehmu sabiex iqabbdu *private investigator* fuqu (cioe' fuq l-intimat). Aktar 'il quddiem martu kkonfermatlu li fil-fatt kienu qabbdu *private investigator*. Isostni wkoll li l-istess martu kkonfermatlu li bejn it-28 ta' Marzu 2008 u l-31 ta' Marzu 2008 kienet ser tqatta' *weekend break* mal-habib taghha. Jghid ukoll li marret l-isptar (filwaqt li ommu kienet qed tmut) u halliet lil uliedhom hemm biex tkun tista' tohrog mas-sieheb taghha. Dan ghalih kien nuqqas ta' rispett kbir. Jghid li fil-25 ta' Gunju 2008 martu abbandunat id-dar u flimkien mal-ulied marret tghix ghand il-habib taghha Frank Borg li min-naha tieghu, dan tal-ahhar ghamel sensiela ta' telefonati ta' theddid lill-intimat. Jispjega li l-ulied kienu kostretti li jmorru mal-istess martu ghalkemm izid jghid li Frank Borg xejn ma kien jimxi sew ma' wliedu. Isemmi episodju fejn sakkar lil wiehed mill-ulied f'kamra ghal gurnata shiha minghajr ikel u xorb u kien biss bl-intervent ta' J li l-istess wild, R ha xi haga tax-xorb u l-ikel. Jghid li dan kollu wassal sabiex J u R wara *weekend* mieghu qatt ma regghu marru ma' ommhom. Jissuspetta li anke t-tifla l-kbira L trid tmur tghix mieghu izda jahseb li ssibha difficli biex taghmel dan.

Jichad li qatt kien aggressiv fil-konfront ta' martu. Anzi jghid li tali allegazzjonijiet bdew biss hekk kif dahal Frank Borg fil-hajja ta' martu. Jikkontendi wkoll li d-dar matrimonjali hija d-dar proprjeta' ta' missieru li hallihom jghixu fiha minghajr kera peress li kienu ser jizzewgu. Din id-dar kienet gebel u saqaf u komplewha fiz-zmien li kienu gharajjes b'dan li l-bicca l-kbira tal-ispejjez jikkontendi li ghamilhom hu. Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li ghamel minn kollox biex isalva z-zwieg izda martu qatt ma riedet taf.

In subizzjoni[4] r-rikorrent jikkonferma li ha l-*early retirement scheme* mid-Dockyard fl-ammont ta' €48,000. Jiddikjara li ma jahdimx u li qed ifittex xoghol. Jikkonferma li minn din is-somma hemm €10,000 depositati

[4] Ara x-xhieda tieghu esebita a fol 82 tal-process u datata d-9 ta' Dicembru 2008 fl-ismijiet inversi

f'ismu filwaqt li l-ammont rimanenti huwa depositat f'isem Tania Cauchi li hija l-*partner* tieghu li 'qed izzomm dawn il-flus ghalija'[5].

Fix-xiehda tieghu ta' nhar il-21 ta' April 2009 ir-rikorrent jghid li wliedu kienu qed jigu msawwta u mhedda mill-habib ta' martu[6] filwaqt li fix-xhieda tal-5 ta' Ottubru 2010 jaghti spjegazzjoni tas-sitwazzjoni ta' wliedu li jghixu mieghu kif inhi fis-sens li jghid kemm ghandhom eta' (J kellha hmistax (15) –il sena filwaqt li R kellu tnax –il sena (12) dak iz-zmien) u jzid jghid li ghalihom l-intimata ma thallas ebda manteniment minkejja li jiehu hsiebhom hu. Jispjega l-ispejjez li huwa jhallas ghall-istess ulied u ghal rigward l-istess jipprezenta prospett tal-ispejjez li jinkorri ghall-istess ulied[7]. Izid jghid li l-kontijiet relatati mal-post tax-Xghajra jhallashom kollha hu filwat li ghamel spejjez ta' madwar €125 ghaz-zebgha u l-ammont ta' €500 ghall-faccata tal-istess proprjeta'. Jikkonferma li jghaddi s-somma ta' €100 kull erba' gimghat bhala manteniment ghal bintu L li tghix mal-intimata[8]. Sussegwentement permezz tax-xiehda tieghu datata il-21 ta' Ottubru 2010[9] r-rikorrent jipprezenta biljett li allegatament intbghat minghand terz lill-intimata, set ta' ricevuti relattivi ghall-ispejjez tal-wild R[10]. Jipprezenta wkoll set ta' ricevuti dwar spejjez li ghamel fil-post tax-Xghajra[11] u set ta' dokumenti ohra relatati mal-ispejjez li ghamel l-istess rikorrent biex isewwi l-karozza li juza biex iwassal lill-ulied mill-iskola. Permezz tax-xiehda tieghu datata l-4 ta' Far 2011[12] ir-rikorrent jipprezenta wkoll dokumenti li permezz

---

[5] Ara a fol 83 tal-process fl-ismijiet inversi

[6] Ara a fol 97 tal-process fl-ismijiet inversi

[7] Ara Dok. MCX2 esebit a fol 189 tal-process fl-ismijiet inversi

[8] Ara a fol 184 tal-process fl-ismijiet inversi

[9] Ara a fol 191 tal-process fl-ismijiet inversi

[10] Ara Dok. MCV1 u MCV2 esebit a fol 270 u 270A tal-process fl-ismijiet inversi

[11] Ara Dok. MCV4 esebit a fol 270B fl-ismijiet inversi

[12] Ara a fol 299 tal-process fl-ismijiet inversi

taghhom juri l-ispejjez li qed jinkorri ghall-ulied u l-edukazzjoni taghhom[13]. Jichad li qatt sawwat lil martu.

**VERZJONI TAL-INTIMATA**

Permezz tal-affidavit taghha[14] l-intimata tghid li zzewget lir-rikorrent nhar il-15 ta' Awwissu 1992[15] b'dan li meta kienu gharajjes ma ndunatx x'tip ta' ragel hu minkejja li kien hu li riedha tieqaf mill-uniku zvog li kellha u cioe' l-*volleyball*. Tghid li kellhom gosti differenti b'dan li wahda mill-akbar problem li fegget fiz-zwieg kienet dik tal-pornografija. Din il-pornografija kienet sors ta' argumenti u glied bejniethom b'dan li l-intimata tirrakkonta kif f'episodju partikolari (wara li kienet skopriet b'tali pornografija l-ewwel darba) r-rikorrent abbuza minnha sesswalment ghaliex kienet irrifjutatu. Irid jinghad li apparti tali dikjarazzjoni ma giet prezentata ebda prova ohra li tista' tikkorrabora dan. Tul l-affidavit taghha issemmi li sussegwentement dan ma kienx l-uniku episodju fejn l-istess zewgha abbuza minnha sesswalment.

Tghid ukoll li minnu qatt ma rat ghajnuna la fid-dar u lanqas mal-ulied u ghalhekk il-piz kollu ta' wliedhom waqa' kompletament fuqha. Maz-zmien skopriet li zewgha kellu relazzjoni adultera ma' certu Nathalie Debono. Kien permezz tar-ragel ta' din l-imsemmija Nathalie li l-intimata skopriet b'tali relazzjoni. Affrontatu dwarha u minkejja li ghall-ewwel innega, fl-ahhar ammetta. Ghazlet li tahfirlu ghalkemm ma riditx tkun intima mieghu ghax bezghet minn xi mard. Sussegwentement, zewgha rega' abbuza sesswalment minnha. Ma kienx ta' sapport ghaliha meta kellha problem medici f'saqajha ghax ma kien jimpurah minn xejn hlief li jkun komdu u tajjeb hu.

---

[13] Ara Dok. MCZ 1 – MCZ3 esebiti a fol 307 – 348 tal-process fl-ismijiet inversi

[14] Esebit a fol 26 tal-process fl-ismijiet inversi

[15] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 7 tal-process

Imbaghad fis-sena 2006 inghaqad mat-team ta' Neways biex ibiegh il-prodotti taghhom u f'Settembru 2007 beda kors tal-kompjuter. Kien f'dan iz-zmien li zewgha iltaqa' ma' Tanya Cauchi u bdew ir-relazzjoni adultera taghhom. Bhala prova tal-istess, l-intimata tesebixxi numru ta' *emails*[16] li permezz tagghom tikkontendi li taghmel prova tal-istess adulterju. Issemmi wkoll li l-istess zewgha ghamel konversazzjonijiet elettronici u ghandha prova ta' *recordings* fejn jaghmel atti sesswali fuq il-*web-cam*. Issostni li hekk kif skopriet b'din Tanya Cauchi ddecidiet li ma setghetx terga' tahfirlu kif kienet ghamlet qabel u ghalhekk procediet ghas-separazzjoni. Kien f'dan iz-zmien li r-rikorrent kien vjolenti maghha[17] u f'dan il-kuntest tipprezenta numru ta' rapporti li ghamlet mal-pulizija kif ukoll certifikat minn tabiba dwar it-tbengil.

Tikkontendi wkoll li hekk kif ircieva d-dokumenti relatati mas-separazzjoni, qabad u gibed il-flus kollha li kienu fuqhom it-tnejn. Kien kollu ta' xejn meta talbitu l-ammont ta' Lm1400 li huwa nofs l-ammont li kien hemm imgemma minnha f'kont partikolari fuq isem l-ulied, izda tali ammont qatt ma thallas mill-istess intimat. F'nofs Marzu 2008 waqaf jaghtiha l-flus ghall-ulied. Bejn l-agurmenti t-theddid u l-fatt li ma jaghtihiex flus, l-intimata ddecidiet li kienet ser titlaq mid-dar. L-ulied spiccaw infirdu ghaliex tnejn minnhom spiccaw mar-rikorrent filwaqt li wild minnhom, L baqghet tghix mal-intimata ommha. Tghid li l-iskop ghaliex zamm zewgt ulied hija biss kwistjoni ta' flus jigifieri biex ma jhallasx manteniment u xejn aktar u mhux ghax verament riedhom mieghu.

L-intimata tghid ukoll li mid-Dockyard ir-rikorrent kien ha somma sostanzjali tal-*early retirement* u tikkontendi li nofs l-istess somma hija taghha wkoll.

---

[16] Ara a fol 47 – 50 tal-process

[17] Ara a fol 39 – 46 tal-process

Permezz tax-xiehda taghha tal-21 ta’ April 2009[18] l-intimata tghid li ghandha tliet (3) ulied b’dan li t-tifla l-kbira tghix maghha filwaqt li z-zewgt ulied l-ohra jghixu mar-rikorrent. Tiddikjara li c-*children’s allowance* relattivi ma jigux percepiti minnha. Tghid li tghix mal-partner taghha b’dan li l-kera ta’ €372 tinqasam b’mod ugwali bejniethom. Tiddikjara li ghandha paga ta’ madwar €700 fix-xahar. Tiddikjara li ma tistax tghix fil-post tax-Xghajra ghaliex mhux addattat filwaqt li tghid li d-dar gia matrimonjali hija l-proprjeta’ ta’ missier l-intimat.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti esebiti mil-intimata u li huma annessi mal-affidavit taghha, fosthom rapporti li gew intavolati mal-pulizija relatata ma’ allegazzjonijiet ta’ vjolenza kif ukoll ma’ aspetti relatati ma’ binthom Analise kif ukoll rapport li r-rikorrent kien isegwiha[19] izda jigi rilevat li tali rapporti m’humiex segwiti b’sentenzi jew b’xi forma ta’ dikjarazzjoni ta’ ammissjoni da parti tar-rikorrent u ghalhekk il-Qorti tista’ biss tiehu tali rapporti bhala prova tal-allegazzjoni tal-istess intimata u xejn aktar ghaliex m’hemm ebda prova ta’ sejbien ta’ htija. L-istess irid jinghad ghar-rapporti li gew esebiti fil-mori tal-proceduri minn WPC 117 Sylvia Zarb u PS 977 Joseph Zammit[20]. Dwar il-konversazzjonijiet elettronici esebiti mill-istess intimata flimkien mal-affidavit taghha[21] turi li fis-sena 2007 r-rikorrent diga’ kellu skambji ta’ messaggi li mill-kontenut taghhom juri li hemm familjarita’ qawwija bejn l-istess rikorrent u t-terza persuna. Il-fatt li f’Dok.7 esebit a fol 51 tal-process tissemma ‘hotel room’ juri l-intenzjoni tar-rikorrent.

---

[18] Ara a fol 94 tal-process

[19] Ara a fol 39 – 46 tal-process

[20] Ara x-xhieda taghhom datata t-2 ta’ Marzu 2010 esebita a fol 161 – 162 tal-process fl-ismijiet inversi

[21] Ara a fol 47-51 tal-process fl-ismijiet inversi

Kwantu ghad-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent permezz tal-affidavit tieghu jigi rilevat li d-dokumenti esebiti a fol 66 u 67 tal-process[22] ma jikkostitwixxux prova ta' dak li qieghed jallega l-istess rikorrent *stante* li tali dokumenti m'humiex ufficjali jew li ghall-anqas juru minn fejn huma originati izda jidher li huma miktuba bil-pinna x'aktarx mill-istess rikorrent u konsegwentement il-Qorti ma tistax tkun konvinta li tali messaggi verament ghaddew bejn il-intimata u terza persuna.

Dwar ir-rapporti li l-istess rikorrent ghamel mal-pulizija[23], fost ohrajn l-istess rikorrent juri li l-intimata martu harget mid-dar matrimonjali f'data partikolari u cioe' nhar il-25 ta' Gunju 2008 izda r-raguni ghaliex sar dan ma jghidux fl-istqarrija tieghu. F'rapport iehor isemmi lil Frank Borg u jallega li dan qallu kliem ta' fastidju izda jrid jinghad l-istess haga li inghad kwantu ghar-rapporti esebiti mill-intimata u cioe' li l-istess rapporti huma biss indikazzjoni ta' x'seta' kien qed jigri f'dawk iz-zminijiet izda m'humiex dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija. Sussegwentement, permezz tax-xiehda tieghu tal-21 ta' April 2009 l-istess rikorrent jipprezenta rapport iehor relatat mal-ulied u r-residenza taghhom filwaqt li fix-xiehda tieghu tal-21 ta' Ottubru 2010 jipprezenta sebgha u ghoxrin (27) rapport iehor li ghamel fil-konfront ta' martu rigward l-access ghal bintu L[24].

Ir-rikorrent jipprezenta wkoll nota li permezz taghha juri l-*employment history* tieghu wara li waqaf jahdem mal-Malta Shipyards[25] u jipprezenta dokumentazzjoni relattiva ghall-introjtu tieghu sussegwenti ghall-waqfien tieghu minn mal-istess Malta Shipyards. Wiehed irid jinnota li l-istess dokumentazzjoni turi introjtu minimu[26]. Fix-xiehda tieghu datata l-4 ta' Frar 2011 r-rikorrent jiddikjara li wara li telaq mal-Malta Shipyard ghamel seba' (7) xhur ma jahdimx.

Permezz tax-xiehda ta' Carmel Taliana bhala rapprezentant tal-Malta Shipyards Limited l-istess xhud jikkonferma li r-rikorrent inghata s-

[22] Dok. MGC1 fl-ismijiet inversi

[23] Ara a fol 73- 79 tal-process fl-ismijiet inversi

[24] Ara Pul 1 – 27 tal-process esebiti a fol 196 – 268 tal-process fl-ismijiet inversi

[25] Ara a fol 122 tal-process fl-ismijiet inversi

[26] Ara a fol 123 – 126 tal-process fl-ismijiet inversi

somma ta' €48,000 bhala *early retirement scheme* u ghal dan il-ghan jipprezenta d-dokumentazzjoni relattiva[27].

Permezz tax-xiehda tieghu datata d-9 ta' Lulju 2012[28] Francis Borg jghid li sar jaf lil-intimata minn fuq l-internet madwar erba' (4) snin. Jghid li saru hbieb u li wara li l-intimata tkecciet mid-dar matrimonjali minn zewgha xtara appartament bi kmamar tas-sodda bizzejjed ghall-ulied. Dawn tal-ahhar kienu anke ghazlu l-kmamar rispettivi taghhom. Jghid li kienu jghixu flimkien bhal ahwa izda kwantu ghall-aspett finanzjarju jghid li jerfa' kollox hu inkluz l-ispejjez tal-wild L li tghix maghhom. Jichad li qatt sakkar lil wiehed mill-ulied minghajr xorb u ikel.

Gie prezentat kont mahrug minn Arms Limited relattiv ghad-dar gia matrimonjali gewwa Haz-Zabbar fl-ammont ta' €281.93[29]

**<u>DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI LIEMA TALBA GIET SOSTITWITA B'TALBA GHAL DIVORZJU</u>**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrent, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-Qorti rat il-provi esebiti inkluz ix-xiehda tal-intimata datata s-6 ta' Dicembru 2013[30] fejn iddikjarat li hi u zewgha ilhom ma jghixu flimkien ghal zmien hames (5) snin u nofs u qatt ma kien hemm xi forma ta'

[27] Ara a fol 150 – 157 tal-process

[28] Ara a fol 383 tal-process

[29] Ara a fol 389 tal-process

[30] Ara a fol 403 tal-process

rikonciljazzjoni bejniethom u li r-rikorrent qatt ma taha manteniment, pero' fl-istess hin tiddikjara li m'hemm xejn li huwa dovut peress li l-bint L li tghix maghha issa ghandha 20 sena u tikkonferma li m'hemm ebda digriet li permezz tieghu giet ordnata thallas xi manteniment ghall-ulied l-ohra li jghixu mar-rikorrent. Tiddikjara li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom. Minn dan kollu l-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment ghal ragunijiet li huma imputabbli liz-zewg partijiet li jidher li t-tnejn li huma kellhom relazzjonijiet adulteri qabel ma sseparaw *de facto* b'dan li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement il-Qorti ma tistax ma tattribwixxix it-tort ghal din is-separazzjoni konveritita f'talba ghall-hall taz-zwieg liz-zewg partijiet. Dawn l-aspetti kollha msemmija jaghtu lok ghall-pronunzja tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan anke in vista tal-fatt li mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car li l-kriterji stabbiliti ghall-ottjeniment ta' dikjarazzjoni ta' hall taz-zwieg gew sodisfatti *stante* li ghaddew aktar minn 4 snin minn mindu l-partijiet infirdu *de facto* tant li l-proceduri odjerni biss biss ilhom ghaddejjin aktar minn erba' (4) snin. Jirrizulta wkoll li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dan anke in vista tal-fatt li t-tnejn li huma ghandhom *partners* f'hajjithom u jidhru li ghamlu hajja separata minn xulxin u fuq kollox m'hemm ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti *stante* li qatt ma kien hemm xi digriet li stabbilixxa jew ordna xi manteniment.

**<u>DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI</u>**

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' digriet datat is-16 ta' Dicembru 2008 ordnat li l-kura u l-kustodja tal-ulied ghandha tkun wahda kongunta b'dan li L ghandha tibqa' tghix mal-omm u l-ulied l-ohra jghixu mal-missier. Hekk kif tiddikjara l-intimata permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha, l-kwistjoni ta' kura u kustodja hija ormai survolata u dan *stante* li l-wild il-kbira ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena, l-wild tan-nofs ghandha dsatax (19) il sena filwaqt li l-minuri R ghandu sittax –il sena u jidher li m'ghandu ebda intenzjoni li jmur jirrisjedi mal-intimata. *Stante* l-eta' tal-istess minuri u *stante* li l-istess partijiet jidher li waslu f'*modus vivendi* dwar l-istess imsemmi minuri l-Qorti thoss li l-kura u l-kustodja tal-istess

minuri ghandha tigi fdata f'idejn ir-rikorrent. Tenut kont tal-eta' tal-minuri, l-access versu l-intimata ghandu jsehh bi ftehim mal-istess minuri. Naturalment ir-residenza tal-istess minuri sakemm jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena ghandha tkun mar-rikorrent missier.

## DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAL-INTIMATAU GHALL-WILD MINURI

Il-Qorti tirrileva li kif qalet din l-istess Qorti hekk kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri** deciza nhar it-28 ta' Ottubru 2002, l-obbligi tal-manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikolu 3 tal-Kap. 16 b'dan pero' li tali manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih (ara l-Artiklu 20 tal-Kap. 16). Dan ifisser li l-mara llum ghandha r-responsabbilitajiet taghha u trid necessarjament terfa' dan il-piz mar-ragel taghha ghaliex wara kollox ghandha wkoll il-kapacita' li tmur tahdem.

Mill-provi jirrizulta li l-intimata ghandha introjtu ta' madwar seba' mitt Euro (€700) fix-xahar u dan kif tiddikjara hi stess fix-xiehda taghha. Min-naha l-ohra r-rikorrent huwa irtirat b'dan li ha l-*early retirement scheme* minkejja li xejn ma jwaqqfu milli jimpjega ruhu jew jaghmel xi forma ta' impjieg bi qliegh iehor.

Il-Qorti hija tal-fehma li kienet decizjoni tar-rikorrent li jieqaf jahdem b'dan li ghall-istess decizjoni ġie kumpensat. Fuq kollox hemm dekadenza da parti tieghu *stante* li kien hemm adulterju da parti tieghu wkoll, allura m'hemm ebda lok li jinghata manteniment ghalih minghand l-intimata.

Dwar il-manteniment ghall-minuri, l-Qorti tara li fil-mori tal-proceduri r-rikorrent kien ordnat ihallas is-somma ta' mitt Euro (€100) kull erba' gimghat ghall-wild L[31] izda l-intimata qatt ma giet ordnata thallas manteniment ghall-ulied li kienu qed jirrisjedu mar-rikorrent. Tali digriet

[31] Ara a fol 107 tal-process fl-ismijiet inversi

illum irid jittiehed fil-kuntest ta' jekk tali wild hijiex qed tistudja fuq bazi *full-time* jew le kif ukoll fil-kuntest tal-ulied l-ohra li naturalment ghandhom ukoll id-dritt ghall-manteniment (jekk dejjem jigu sodisfatti l-kriterji ghal tali manteniment). Irid jitqies ukoll li prezentement tali ammont m'huwiex konsidrat bhala wiehed ragonevoli ghall-hajja tal-lum.

Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax jekk l-ulied maggorenni humiex qed jahdmu jew jekk humiex studenti fuq bazi *full-time*. Jirrizulta izda li l-wild R ghadu minuri u konsegwentement ghalih hemm bzonn li jithallas xi forma ta' manteniment. *Stante* li l-istess minuri jghix mar-rikorrent allura l-manteniment ghall-istess wild ghandu jithallas da parti tal-intimata. Kwantu ghall-ulied l-ohra jrid jigi rilevat li f'kaz li jirrizulta li l-istess ulied jew xi wahda minnhom tkun qed tistudja fuq bazi *full-time* allura f'dak il-kaz ikun hemm manteniment dovut. Peress li l-wild L tghix mal-intimata allura f'kaz li jirrizulta li l-istess wild tkun qed tistudja fuq bazi *full-time* u dan sal-eta' massima ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, allura r-rikorrent ghandu jhallas is-somma ta' mitejn Euro kull erba' gimghat flimkien ma' nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild filwaqt li l-intimata tkun obbligata li thallas l-istess ammont u flimkien ma' nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-wild J li tghix mar-rikorrent, dejjem jekk tali wild tkun qed tistudja fuq bazi *full-time* u dan sal-eta' massima ta' tlieta u ghoxrin sena. L-istess ammont ghandu jithallas mil-intimata ghall-minuri R u dan *di fermo* sal-eta' ta' tmintax (18) il sena filwaqt li bejn l-eta' ta' tmintax (18) –il sena u l-eta' massima ta' tlieta u ghoxrin (23) sena l-istess manteniment ikun dovut biss f'kaz li l-istess wild ikun qed jistudja fuq bazi *full-time*.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 631,633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili u l-Artikkolu 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMATA</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Ghal finijiet ta' kjarezza jrid jinghad li l-Artikoli 825-827 gew imhassra mill-istess Kodici Civili u konsegwentement dawn ma jistghu jigu applikati fil-konfront tal-partijiet.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liz-zewg partijiet u ghaldaqstant fic-cirkustanzi thoss li l-artikolu 48 tal-Kap. 16 ghandu jigi applikat kontra iz-zewg partijiet.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li hemm qbil bejn il-partijiet (*stante* li anke fix-xiehda taghha l-intimata tghid li d-dar matrimonjali (74, Tal-Grazzja, Triq Zabrella Zabbar) hija proprjeta' ta' missier l-intimat) fil-verita' ma tressqet ebda prova dwar dan. Il-Qorti tirrileva li minkejja li permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-intimata tikkontendi li din id-dar hija proprjeta'

taghha flimkien mar-rikorrent, ma tressaq ebda kuntratt bhala prova ta' dan. Min-naha l-ohra lanqas ir-rikorrent ma jressaq prova li l-istess dar hija proprjeta' ta' missieru izda ghal finijiet ta' kjarifikazzjoni jinghad li l-istess intimata tikkontradixxi lilha nnifisha *stante* li fix-xiehda taghha taqbel li tali dar hija proprjeta' ta' missier ir-rikorrent. Ghalhekk il-Qorti thoss li huwa gust u ekwu li tali dar tigi dikjarata li m'hijiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Jigi rilevat ukoll li l-istess intimata ma tressqet ebda pretensjoni jew likwidazzjoni ta' xi benefikati li qed tippretendi fuq l-istess dar u konsegwentement il-Qorti ma tista'qatt tikkwantifika xi ammont li jista' jkun dovut lil-intimata u dan abbazi ta' nuqqas ta' prova. Kwantu ghall-mobbli fl-istess dar il-partijiet ma ressqu ebda prova li dawn m'humiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dawn ghandhom jigu valutati b'dan li l-valur jinqasam b'mod ugwali bejniethom.

L-istess irid jinghad kwantu ghall-appartament gewwa x-Xghajra hdejn il-Bahar li jidher li huwa vojt u l-garaxx bin-numru 4 fi Triq il-Madaffa Zabbar. Ghalkemm permezz tan-nota ta' ossevazzjonijiet tieghu[32] r-rikorrent jghid li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet dwar xi benfikati u kontijiet tal-ARMS abbinati mal-appartament il-Qorti m'ghandha ebda prova ta' dan u konsegwentement qed tordna li tali appartament u garaxx jinbieghu b'dan li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Il-kontijiet relattivi u abbinati mal-istess appartament u garaxx jinqasmu kwantu ghal nofs kull wiehed.

Jidher ukoll li l-akbar kontestazzjoni kwantu ghall-flus hija s-somma ta' €48,000 li inghatat lir-rikorrent bhala parti mill-*early retirement plan* u li konsegwentement hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu r-rikorrent jipprova jargumenta li tali somma (almenu in parti) hija parafernali tieghu izda l-Qorti m'hijiex konvinta minn tali argument anke abbazi tal-fatt li l-istess

[32] Liema nota hija esebit a fol 152 tal-proceduri

somma akkumulat tul iz-zwieg tal-istess partijiet (li dam ghal snin) u fuq kollox ghaliex ma hemm ebda prova li l-istess somma tista' qatt tkun in parte parafernali. Gialadarba m'hemm ebda dubju dwar l-istess ammont (anke mix-xiehda prodotta u mid-dokumentazzjoni esebit) huwa formanti parti mill-konunjoni tal-akkwisti. Dan necessarjament ifisser li l-intimata ghandha dritt ghal nofs l-istess ammont flimkien ma' nofs is-sehem indiviz tad-dar tax-Xghajra. Ghalhekk ir-rikorrent qieghed jigi ordnat li jhallas lil-intimata s-somma ta' erba' u ghoxrin elf Euro (€24,000), liema somma ghandha tinghata fi zmien hmistax (15) il-gurnata mid-data li din is-sentenza tigi res judicata. Il-Qorti tordna wkoll li f'kaz li dan ma jsirx, allura l-intimata ghandha tithallas ghal sehemha minn sehem ir-rikorrent mir-rikavat tal-bejgh tal-appartament u l-garaxx imsemmija aktar 'il fuq.

Illi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm ukoll zewg vetturi tat-tip Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni MMC 106 u Suzuki Super Carry bin-numru ta' registrazzjoni DBH 557. Il-Qorti tirrileva li dwar l-istess ma ngabet ebda prova dwar il-valur taghhom u konsegwentement l-unika referenza li ssir ghalihom hija permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet da parti tal-intimata fejn tikkontendi li l-vettura Peugeot ghandha tigi assenjata lir-ragel u s-Suzuki tigi assenjata lilha u n-nota ta' osservazzjonijiet da parti tar-rikorrent li jikkontendi li l-vetturi m'ghandhomx l-istess valur. *Stante* li m'hemmx qbil dwar l-istess u lanqas hemm prova dwar il-valur tal-istess, il-Qorti tordna li l-imsemmija vetturi jinbieghu b'dan li r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejniethom.

*Stante* li ma tressqet ebda prova dwar kontijiet bankarji u / jew investimenti l-Qorti thoss li kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet bankarji u investimenti intestati f'isimha b'dan li dawn jitqiesu bhala l-proprjeta' assoluta ta' dik il-parti li jkunu intestati f'isimha.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba b’dan li tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, bi htija imputabbli liz-zewg partijiet;

[2] Tilqa’ t-tieni talba;

[3] Tilqa’ t-tielet talba limitatament fil-konfront tal-wild R b’dan li l-intimata qed tigi ordnata thallas s-somma ta’ €200 kull erba’ (4) gimghat bhala manteniment ghall-istess wild flimkien ma’ nofs l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas *di fermo* sakemm l-istess wild jaghlaq l-eta’ ta’ tmintax (18) –il sena filwaqt li bejn l-eta’ ta’ tmintax u l-eta’ massima ta’ tlieta u ghoxrin sena, l-istess manteniment (kull wiehed) ikun dovut kemm ghall-wild R kif ukoll ghall-wild J u cioe’ l-ammont ta’ mitejn ewro (€200) kull erba’ gimghat, f’kaz li jirrizulta li l-istess ulied jkunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time* u dan sal-eta’ massima ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, allura l-intimata ghandha thallas manteniment ghall-istess uliedha.

[5] Tilqa’ il-hames talba;

[6] Tilqa’ r-raba’ talba u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti skond il-paragrafu intitolat ‘Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti’;

[7] Tilqa’ is-seba’ talba;

[8] Tilqa’ t-tmien talba b’dan li l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu divizi skond il-paragrafu intitolat ‘Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti’;

[9] Tilqa’ d-disa’ talba;
[10] Tichad l-ghaxar, il-hdax u t-tnax -il talba;

[11] Tilqa’ t-tlettax –il talba.

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------